

Brussell, 7 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12727/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0297(BUD)

FIN 901

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12406/23 (COM(2023) 381 final)
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lir-Rumanija u lill-Italja fir-rigward ta' diżastri naturali fl-2022 u lit-Turkija b'rabta mat-terremoti fi Frar 2023 – <i>Approvazzjoni</i>

1. Fit-23 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (FSUE), akkumpanjata minn proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 10/2023¹.

¹ Dok. 12407/23.

2. L-għan ta' din il-proposta huwa li timmobilizza l-FSUE għal ammont totali ta' EUR 454.8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, li minnhom rispettivament:
 - EUR 33.9 miljun biex tingħata assistenza lir-Rumanija wara nixfa severa u vasta bl-ogħla tliet livelli ewlenin, rispettivament, fl-aħħar ta' Marzu, f'nofs April u f'Lulju-Awwissu;
 - EUR 20.9 miljun biex tingħata assistenza lill-Italja wara x-xita intensa li rriżultat f'avvenimenti ta' għargħar fluvjali u għargħar għal għarrieda li affettwaw ir-reġjuni ċentrali tal-Italja f'Settembru 2022; kif ukoll
 - EUR 400 miljun biex tingħata assistenza lit-Turkija wara t-terremoti kbar li affettwaw lin-Nofsinhar tat-Turkija fir-reġjun ta' Kahramanmaraş u fir-reġjun ta' Hatay fi Frar 2023.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta fil-laqgħa tiegħu fis-7 ta' Settembru 2023, u seta' japprovaha.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, kif jinsab fid-dokument 12729/23.